**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 12 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 872/02 AE**

**Louis Pisani bhala Principal u fl-interessi ta' San Anton School**

**vs**

**Kevin u Sharon konjugi Ellul Bonici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sebgha mija u sitt liri Maltin (Lm706), ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi edukattivi rezi f'San Anton School ghall-minuri Stevey, Jamey u Zack Ellul Bonici ghas-sena skolastika 2000-2001.

Ra li l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati (fol. 13) naqsu milli jikkontestaw il-kawza u milli jidhru ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Carlo Bisazza jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundannalill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sebgha mija u sitt liri Maltin (Lm706), bl-imghax mid-data ta' notifika ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Awissu 2001 u fin-nuqqas mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**